MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1922/2004

**Alfred u Pauline konjugi Grixti**

**vs**

**Mark u Gillian konjugi Carbonaro u joseph u Dolores konjugi Polidano, f'isimhom u ghan-nom ta' C & A Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sitta u disghin Lira Maltija (Lm596.00), jew soma verjuri li tigi likwidata rapprezentanti refuzjoni moghtija mid-Dipartiment tal-VAT lil C & A Co. Limited, li ai termini tal-ftehim datat 7 ta' Novembru, 1997 konkluz bejn il-**

**partijiet kontendenti, tali refuzjoni, huma intitolati ghaliha l-istess atturi.**
**Bl-ispejjez inkluz tal-ittra interpellatorja datata Lulju, 2004, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fil-5 ta' Novembru, 2004, fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi:**
**i. Il-ftehim bejn il-kontendenti huwa regolat permezz ta' skrittura (Dok.A) tas-7 ta' Novembru, 1997 li tikkonsidra dik il-parti mill-prezz li ghandha tithallas lid-Dipartiment tal-VAT mill-konvenuti, fl-ammont ta' Lm7274 liema ammont il-konvenuti hallew pendenti s-smiegh ta' l-Appell intavolat mill-atturi bil-konsegwenza illi meta dan l-appell gie deciz r-refunds li rcevew gew mghoddija lill-attur b'kollox Lm7455.30, oltre dak miftiehem, ghall-liema raguni l-ebda ammont ma hu dovut u dan kif jigi spjegat f'katar dental waqt is-smiegh tal-kaz.**
**ii. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante illi l-ammonti depozitati biex ikun jista jsir l-Appell fit-Tribunal tal-VAT harguhom kollha l-konvenuti, u dan kif jigi spjegat f'katar dental waqt it-trattazzjoni tal-kaz, l-interessi naxxenti minn tali flejjes jappartjenu lill-konvenuti u dan insostén ma dak gja espost fl-ewwel eccezzjoni.**
**iii. Minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-iskrittura tas-7 ta' Novembru, 1997 ma tghamel l-ebda referenza ghall-imghaxijiet imma ghal refund sal-limitu ndikat fl-iskrittura ghax altrimenti, kemm idumu fil-kummerc kull refund li jircevu l-konvenuti ser imur ghand l-atturi u dan ma hux il-ftehim u japplika wkoll fil-kaz ta' nteressi.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Grixti, Simon Grixti, Paul Scicluna, Mark Carbone, Malcolm Custo u n-Nutar Mario Bugeja. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-atturi qed jitolbu rifuzjoni ta' prezz li thallas mid-Dipartiment tal-VAT lill-konvenuti, li pero` huma jghidu li kien jispetta lilhom. Is-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li kienet l-istess socjeta` konvenuta li harget l-ammont depositat biex isir l-appell lid-Dipartiment tal-VAT.**

**2. L-attur Alfred Grixti jikkonferma li f'Novembru, 1997 kienu ghaddew il-kumpanija lil Carbone u lil Polidano, fol.2. Il-prezz kien ta' Lm75,000.00 u hallew Lm9,000.00 minn dawn il Lm75,000.00 biex ikopru pendenzi li kien hemm mal-VAT u wkoll ghal finijiet tan-National Insurance. Skond Grixti l-assessment tal-VAT baqa' responsabilita' tal-atturi, u jghid li hemm bil-kitba li jekk l-Appell mad-Dipartiment tal-VAT jintrebah l-flus jigu rifusi lill-atturi.**

**3. Skond Grixti, kienu applikaw mad-Dipartiment tal-VAT, u fil-15 ta' Jannar, 2004 gie deciz mid-Dipartiment, Dok.AG, li jiehdu 85% mis-somma lura. Is-somma tal-VAT li kienet qed tigi kontesta kienet fl-ammont ta' Lm7,274.00. Wara inhargu cekkijiet, Dok.AG2 li ntbghatu lis-socjeta' konvenuta. Meta l-attur sar jaf bil-hlas, wara li indaga, peress li l-konvenuti ma qalulux, mar ikellem lil Carbone li , skond l-attur, ghall-bidu qal li ma rceviex c-cekk u wara qal li rcevih. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta harget cekk fis-somma ta' Lm7051, Dok AG3, pero` ma tahx id-differenza.**

**4. L-accountant tal-kumpanija, Simon grixti, jikkonferma li l-ammont kontestat mad-Dipartiment tal-VAT kien ta' Lm7274, u dan l-ammont kien gie indikat lill-accountants tax-xerrejja. Skond ix-xhud, id-Dok.X jindika l-VAT paid fil-qiegh ta' l-istess fol. L-ewwel tlett ammonti kienu dawk li thallsu biex issir l-oggezzjoni, u cioe Lm2234.**

**5. Il-konvenut Mark Carbone jghid li mill-ammont totali tal-bejgh kienu ftehmu li jnaqssu l-ammonti dovuti lid-Dipartiment tal-VAT kif ukoll ammont dovut lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni lill-attur. Skond Carbone kienu huma li hallsu l-ammont biex jinfetah l-appell, u cioe fis-somma ta' Lm2234 fuq imsemmija. Jikkonferma li meta gie deciz l-appell l-kumpanija kellah tiehu 85% tas-somma.. Is-socjeta` konvenuta**

**ircevit cekkijiet fis-somma ta' Lm7647.74 u inhareg cekk lill-attur fl-ammont ta' Lm7051.00.**

**6. Skond Carbone meta wiehed inaqqas l-ammonti li hallsu ghall-VAT, jibqa li kellhom jaghtu lill-attur Lm4,817.00. F'dan il-kaz Carbone jispjega li minhabba il-bidla tac-CET ghall-VAT, il-kumpanija kellha tigi refuza Lm4948.98, u d-Dipartiment tal-VAT qata' din is-somma u baghat cekk fl-ammont ta' Lm170.83, u ghalhekk jikkontendi li lill-attur kien ghad baqalu jaghtih biss Lm39.00. Il-konvenut jikkontesta l-ammont imsemmi fil-kuntratt ta' Lm7274.00. Dana hu konfermat minn Malcolm Custo li jghid li l-ammont ta' Lm7274 qatt m'ghaddew direttament lill-attur.**

**7. It-Tribunal fir-rigward ta' dak li hemm imnizzel fil-kuntratt ma ghandu l-ebda raguni valida l-ghala jiddipartixxi minnu. L-ammont indikat fid-Dok a fol.8 tal-process jirreferi ghall-Lm7274 dovuti lid-Dipartiment tal-VAT.**

**8. Jirrizulta li wara li sar l-Appell lid-Dipartiment dan intrebah u hargu c-cekkijiet. Kien obbligu tal-konvenut li dan ma jzommhomx. Peress li dan l-ammont kien jirrigwarda lill-attur, kif del resto konfermat mill-istess konvenut, u ghall-perijodu antecedenti it-trasferiment lis-socjeta` konvenuta, jsegwi li l-imghax fuq l-istess ammont seta jibbenefika minnhom biss l-attur, sakemm mhux miftiehem differentement. L-imghax isegwi l-kapital, u ghalhekk dan ghandu jibbenefika minnu l-attur.**

**9. Il-bilanc ta' hames mija u sitta u disghin lira maltija (Lm596.00) ghalhekk jirrizulta pruvat u dovut mis-socjeta` konvenuta lill-atturi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundana lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u sitta u disghin lira maltija (Lm596.00), ilkoll bl-imghaxijiet dekkoribbli mis-27 ta' Ottubru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------